20 ta' Marzu, 1944.

**Imħallef:**

**L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.**

**L-Onor. Dr. Louis Galea ne.** *versus* **Spiżjar Joseph Muscat, Ph.C.**

**Boll — Riċevuta — Art. 85 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1918.**

*Kwalunkwe nota, att jew kitba, rilaxxjata għall-liberazzjoni totali jew parzjali per mezz ta' ħlas ta' flus, hija riċevuta fis-sens tal-liġi tal-Boll, u hija suġġetta għall-boll preskritt minn dik il-liġi. U hija s-sustanza, u mhux il-forma ta' l-att, li għandha titqies biex jiġi determinat jekk dak l-att jew kitba għandux jiġi bollat jew le.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għal kundanna tal-konvenut biex iħallas penali fil-miżura stabbilita mill-Ord. VII ta' l-1918 billi naqas li jwaħħal il-boll fuq irċevuta maħruġa minnu, u s-somma ta' erbgħa soldi (4d.) bħala taxxa tal-boll li għaliha hija suġġetta dik l-irċevuta; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-14 ta' Frar 1944 fejn iddikjarat illi d-dokument eżibit ma' l-avviż mhux riċevuta għas-sens tal-liġi u għalhekk mhux bollabili, u rriġettat it-talbiet ta' l-attur nomine, u ordnat illi l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, ikunu mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut, bħala membru tal-Pool rikonoxxut mill-Gvern, jirċievi kwantità ta' merkanzija biex tkun distribwita lir-"retailers"; li l-konvenut għal dan il-fini lesta l-"invoice"

fejn kiteb "paid" kif soltu jagħmel, u meta wara jirċievi l-merkanzija jikteb il-kelma "delivered";

Illi l-indaġini li għandha ssir hija dik li jkun eżaminat x'inhu "the real and true meaning of the instrument" skond il-kliem ta' awtur ċitat fis-sentenza, u dik mhijiex il-liberazzjoni tal-klijent minħabba l-ħlas tal-prezz, imma l-konstatazzjoni li huwa rċieva l-merkanzija għal skopi ta' kontroll fuq id-distribuzzjoni da parti tal-Pool, u d-dokument eżibit aktarx jipprova r-riċezzjoni tal-merkanzija da parti tal-klijent u mhux il-ħlas;

Illi d-dokument ma għandu ebda firma ta' min irċieva l-flus, ebda timbru, uffiċjali jew uffiċjuż, li juri l-ħlas, u ma jista' qatt waħdu u mingħajr prova sussidjarja jipprova legalment il-pagament;

Illi rriżulta li l-merkanzija ġiet imħallsa mhux għaliex hemm il-kelma "paid", iżda għax il-konvenut jammetti li hija mħallsa, u l-kelma "paid" kitibha hu; illi kieku l-konvenut innega kien ikun hemm bżonn ta' mezzi oħra sussidjarji tal-provi; kieku d-dokument kien jipprova l-ħlas kienet il-parti l-oħra li trid timpunjah, iżda dak id-dokument waħdu ma jistax jipprova l-pagament, u għalhekk "the true and real meaning" tad-dokument mhux id-"discharge" tal-persuna li għamlet il-pagament;

Illi l-intenzjoni hija fattur importanti biex tkun determinata n-natura tad-dokument; fil-fatt għandna illi meta l-klijent qal lill-konvenut li d-dokument mhux bollat, irrispondieh li dik ma kienetx riċevuta, u jekk irid waħda jagħtihielu; ditta oħra "Muscat", li hija waħda mill-iżjed serji u importanti, meta riedet riċevuta, ma qaletx lill-konvenut li d-dokument mhux bollat, iżda eżiġiet riċevuta; illi għalhekk dik il-kelma ma timpurtax u ma kienetx timporta dikjarazzjoni ta' riċezzjoni ta' flus u "discharge", iżda serviet biss biex il-konvenut iżomm ċekk fuqu nnifsu li ma jagħtix merkanzija li ma tkunx imħallsa; illi fl-operazzjonijiet kummerċjali ma hemmx obligu li tingħata riċevuta, u ħafna drabi tingħata għax ikun eżiġiha l-pagant;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u ċ-ċitazzjoni

tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u għalhekk ikunu milqugħa t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis*;

**Tikkunsidra**;

**Illi l-art. 86 ta' l-Ord. VII ta' l-1918 jgħid illi ricevuta tissinifika kwalunkwe nota, att jew skritt, rilaxxjat għall-liberazzjoni totali jew parzjali per mezz ta' ħlas ta' flus; u kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, "the legal rule is that the real and true meaning of the instrument is to be ascertained; that the description of it given in the instrument by the parties is immaterial" (Highmore's Stamp Laws, page 7, General Rules as to Stamp duties); u kif ġie deċiż minn din il-Qorti f'kawża superjuri, fil-15 ta' Jannar 1917 (Kollez. Vol. XXIII-I-396),** illi s-sostanza, u mhux il-forma ta' l-att hija dik li tiddetermina jekk għandux ikun bollat jew le;

Tikkunsidra;

Illi għandu jkun anki eżaminat, kif irriteniet din il-Qorti **fis-sentenza fuq imsemmija, jekk id-dokument ġiex magħmul u rilaxxjat bħala liberazzjoni totali jew parzjali tad-debitur, għax jekk huwa hekk jaqa' indubbjament taħt id-definizzjoni** fuq miġjuba. Fil-fatt **jirriżulta illi, wara li d-debitur ħallas** il-wieħed u għoxrin lira u tnax-il xelin (£21. 12. 0) fuq l-"invoice" minn fejn **kien jirriżulta d-dettall tas-somma** li **għandu jħallas il-konvenut kiteb bil-lapis aħmar il-kelma "paid" u reġa' ta lura dak l-"invoice" lid-debitur**, li **wara ppreżenta ruħu għall-kunsinna tal-merkanzija**, u **peress id-debitur ippreżenta dak** l-"invoice" **lill-konvenut** li **ra l-kelma** "paid" huwa tah il-kunsinna **tal-merkanzija u kiteb il-kelma "delivered" bil-lapis aħmar** fuq l-istess "invoice";

**Tikkunsidra**;

**Illi l-appellat jispjega** illi dik **il-kelma "paid" isservi għalih bħala ċekk, biex meta** l-klijent imur **għall-konsenja tal-merkanzija huwa jkun jista' jara li ħallas u jkun jista' immedjatament jagħtih il-merkanzija mingħajr verifiki oħra, peress illi probabilment ikun hemm ħafna nies. Minn dan jirriżulta illi dak id-dokument, almenu għal dak** il-perijodu **bejn il-ħlas**

tas-somma u l-konsenja tal-merkanzija, serva ta' liberazzjoni totali tad-debitur, għax meta d-debitur jippreżenta d-dokument lill-appellat dan ma jkunx jista' jgħidlu li ma ħallasx, għax huwa stess ikun kiteb dik il-kelma "paid" li sservieh bħala notament, u immedjatament jagħtih il-merkanzija. U anki għall-futur dak id-dokument għandu jservi ta' liberazzjoni, għax la darba l-appellat, kif jara dak in-notament fl-"invoice" u in forza tiegħu, ikun assigurat li d-debitur ħallas, u għalhekk wara jagħti merkanzija, hekk ukoll, jekk fi kwalunkwe żmien futur jinqala' xi żball, u l-klijent jippreżenta dak l-"invoice" lill-appellat, dan ċertament jerġa' jagħraf li dak in-notament kien tiegħu u jaċċetta illi l-klijent ikun ħallas;

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn irriteniet illi dak id-dokument "per sè" ma għandux il-forza ta' liberazzjoni, għax jekk ikun negat mill-konvenut ikun hemm bżonn ta' prova sussidjarja; għax dan jista' jiġri fi kwalunkwe irċevuta regolari bil-firma anki ta' min jirċievi, li jkun jista' jgħid illi dik mhix il-firma tiegħu; mentri l-liġi tippreżumi n-negozjant onest, li kif jara n-notament magħmul minnu immedjatament jagħarfu u jirrikonoxxi illi l-ħlas ikun sar. Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ġunju 1917 in re "Dr. Refalo ne. vs. V. Bonello" (Kollez. Vol. XXIII-I-487) il-ġurisprudenza Ingliża rriteniet illi l-kelma "settled" "with or without initials at the foot of an account is a receipt" (sentenza tal-Qorti Nisi Prius in re "Spanforth vs. Alexander", ċitata minn għand Alpe, The Law of Stamp Duties, pag. 200);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur nomine, tiddikjara illi d-dokument fil-fol. 2 kellu jkun bollat skond il-liġi, u għalhekk tilqa' t-talbiet miġjuba fiċ-ċitazzjoni, u għall-fini ta' l-ewwel talba tistabbilixxi s-somma ta' £2; u tordna illi in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jkunux taxxati; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.